



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.9.2007
KUMM(2007) 497 finali

2007/0183 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1) IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa każijiet “Open Skies”, fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju¹ (il-“mandat orizzontali”). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi bl-ajru Komunitarji għar-rotot bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jikkonformaw mad-dritt Komunitarju.

- **Il-kuntest ġenerali**

Il-Komunità Ewropea u l-Marokk iffirmaw ftehim orizzontali dwar is-servizzi bl-ajru fit-12 ta' Diċembru 2006, li jemenda ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u dan il-pajjiż.

Il-Bulgarija u r-Rumanija t-tnejn għandhom ftehim dwar l-avjazzjoni mar-Renju tal-Marokk, iffirmati rispettivament fl-1996 u fl-1971. Sabiex dawn lil-ftehimiet jiġu konformi mad-dritt Komunitarju u sabiex dawn iż-żewġ Stati Membri jsiru partijiet f'dan il-ftehim orizzontali, huwa meħtieġ li jiġu mmodifikati l-annessi sabiex jiġu inklużi r-referenzi xierqa għall-ftehimiet bilaterali kkonċernati.

Il-proċedura ta' l-emendar, fl-Artikolu 7 tal-ftehim orizzontali, tiiprovdi li l-partijiet jistgħu f'kull waqt jirrevedu jew jemendaw il-ftehim permezz ta' kunsens reċiproku. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi konkluż protokoll bejn il-Komunità Ewropea u l-Marokk għal din ir-reviżjoni.

Il-protokoll jiddefinixxi l-addattamenti tekniċi u lingwistiċi li għandhom isiru lil dan il-ftehim.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-ftehim jissostitwixxu jew jikkumplementaw daww li hemm fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru li saru bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija u r-Renju tal-Marokk.

- **Il-konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra ta' l-Unjoni**

Il-ftehim se jilħaq għan fundamentali tal-politika esterna Komunitarja dwar l-avjazzjoni billi jiġi il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi ta' l-ajru konformi mad-dritt Komunitarju.

2) KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONI TA' L-IMPATT

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett)

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali tal-parteċipanti

Mhux applikabbli

Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

Mhux applikabbli

3) L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju ta' l-azzjoni proposta**

Skond il-mekkaniżmi u l-linji gwida fl-Anness għall-“mandat orizzontali”, il-Kummissjoni ffirmat mal-Marokk il-ftehim maħsub biex jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. Il-protokoll jiżgura li s-sostituzzjonijiet meħtieġa għall-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi bl-ajru bejn ir-Renju tal-Marokk u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, b'riżultat ta' l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007. Id-dispożizzjonijiet korrispondenti se jinżiedu ma' l-Anness.

- **Bażi ġuridika**

It-Trattat tal-KE, l-Artikoli 80(2), u l-Artikolu 300(2), (3) u (4).

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tissejjes kollha kemm hi fuq il-“mandat orizzontali” mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni tal-kwistjonijiet koperti mid-dritt Komunitarju u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-protokoll se jemenda jew jikkompleta d-dispożizzjonijiet tal-ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-avjazzjoni mingħajr ma jmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiggarantixxi l-konformità mad-dritt Komunitarju.

- **L-għażla ta' l-istrumenti**

Il-protokoll li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità u l-pajjiżi terzi huwa l-aktar strument effikaċi biex iġib konformi mad-dritt Komunitarju l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi ta' l-avjazzjoni li saru bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-pajjiż terz imsemmi fuq.

4) IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

Il-proposta m'għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Komunità.

5) INFORMAZZJONI SUPPLEMENTARI

- **Is-Simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġislazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju uniku jissostitwixxu jew jikkumplementaw id-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-ftehim bilaterali dwar is-servizzi ta' l-ajru li saru bejn ir-Repubblika tal-Bulgarija u rispettivament ir-Rumanija u r-Renju tal-Marokk.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Skond il-proċedura standard dwar l-emendar tal-ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill mistieden japprova l-protokoll li jemenda l-ftehim li sar bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' protokoll li jemenda l-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija.

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), f'konnessjoni ma' l-Artikolu 300(2), l-ewwel inċiż tat-tielet u r-raba' paragrafu,

wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Il-Bulgarija u r-Rumanija ffirmaw ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru mar-Renju tal-Marokk, iffirmati rispettivament fl-14 ta' Ottubru 1996 u s-6 ta' Diċembru 1971.
- (2) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru ġie ffirmat fi Brussell fil-11 ta' April 2006 (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim orizzontali") ;
- (3) It-Trattat ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea ġie ffirmat fil-Lussemburgu fil-25 ta' April 2005 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2007;
- (4) Protokoll li jemenda l-Annessi I u II tal-ftehim orizzontali hu meħtieġ sabiex titqies l-adeżjoni taż-żewġ Stati Membri ġodda.
- (5) In-negozjati huma bbażati fuq il-mandat ta' negozjar mogħti mill-Kunsill lill-Kummissjoni fil-5 ta' Ġunju 2003;
- (6) Il-protokoll ġie approvat miż-żewġ partijiet nhar [] ;
- (7) B'konsegwenza ta' dan, il-protokoll għandu jiġi approvat;

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-protokoll li jemenda l-Anness I u II tal-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru, sabiex titqies l-adeżjoni għall-Unjoni Ewropea

tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea, huwa approvat f'isem il-Komunità Ewropea. It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzata jipproċedi bin-notifika pprovdata fl-Artikolu 3 tal-protokoll.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

ABBOZZ TA'

PROTOKOLL LI JEMENDA

L-ANNESS I U II TAL-FTEHIM

BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA

U R-RENJU TAL-MAROKK

DWAR ĊERTI ASPETTI TAS-SERVIZZI BL-AJRU

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa, u

IR-RENJU TAL-MAROKK

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Partijiet",

wara li kkunsidraw il-ftehimiet bejn il-Bulgarija u r-Rumanija u r-Renju tal-Marokk, iffirmati rispettivament fl-14 ta' Ottubru 1996 f'Rabat u fis-6 ta' Diċembru 1971 f'Bukarest,

wara li kkunsidraw il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk dwar ċerti aspetti tas-servizzi bl-ajru ffirmat fi Brussell fil-11 ta' April 2006 (minn hawn 'il quddiem "il-ftehim orizzontali"),

wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea u għalhekk fil-Komunità Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda ma' l-Anness I(a) tal-ftehim orizzontali:

"- Ftehim bejn ir-Repubblika Popolari tal-Bulgarija u r-Renju tal-Marokk dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat f'Rabat fl-14 ta' Ottubru 1966;

- Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Soċjalista tar-Rumanija u l-Gvern tar-Renju tal-Marokk dwar it-trasport ċivili bl-ajru, iffirmat f'Bukarest fis-6 ta' Diċembru 1971;

Emendat mill-Memorandum ta' Ftehim iffirmat f'Rabat fit-29 ta' Frar 1996.

Artikolu 2

Id-dispożizzjonijiet li ġejjin huma miżjuda ma' l-Anness II tal-ftehim orizzontali:

Fil-punt a (ħatra minn Stat Membru)

"L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk – Rumanija;

Fil-punt b (rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni ta' l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi)

"- L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk-Bulgarija;

"L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk – Rumanija;

Fil-punt c (kontroll regolamentari)

L-Artikolu 8 tal-Ftehim Marokk – Bulgarija;

Fil-punt d (tassazzjoni tal-fjuwil ta' l-avjazzjoni) :

" - L-Artikolu 3 tal-Ftehim Marokk– Bulgarija;

- L-Artikolu 8 tal-Ftehim Marokk – Rumanija;

Fil-punt e (tariffi għat-trasport fil-Komunità Ewropea) :

" - L-Artikolu 16 tal-Ftehim Marokk – Bulgarija;

- L-Artikolu 7 tal-Ftehim Marokk – Rumanija."

Artikolu 3

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ meta l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tiegħu tlestew.

Artikolu 4

Dan il-Protokoll huwa mfassal fi (*data, post*) f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż u bl-Għarbi b'kull wieħed minn dawk it-testi ugwalment awtentiċi.

GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA

GĦAR-RENJU TAL-MAROKK